MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Numru. 289/2008

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Simon Spiteri, iben Espedito, imwieled Pieta' fl-10 ta' Settembru, 1963, Karta ta' l-Identita numru 470763(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Novembru, 2006 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi

ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ tmien telef tlett mija u ħamsa u tmenin euro u erbgħa sebgħin ċentesimu (€8,385.74) (ekwivalenti għal Lm3,600) għad-dannu ta’ Charles Vella, Diane Vella u Stephanie Vella ‘ilkoll mill-Mellieħa;
2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, approporja ruħu, billi dawwar bi profit għalih, jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li kienet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioe’ ħa u żamm għandu l-ammont ta’ tmien telef tlett mija u ħamsa u tmenin euro u erbgħa sebgħin ċentesimu (€8,385.74) (ekwivalenti għal Lm3,600) għad-dannu ta’ Charles Vella, Diane Vella u Stephanie Vella ‘ilkoll mill-Mellieħa.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika ‘mutatis mutandis’ id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali u sabiex f’każ ta’ ħtija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Mejju, 2011 fejn l-imputat ammetta l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tiliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ elfejn u tmien mitt euro (€2,800) lil kull wieħed minn Charles Vella, Diane Vella u Stephanie Vella bħala radd lura tal-flus li ħa l-imputat lil dawn it-tlieta min-nies fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------